OFFICE OF THE COMMISSIONER FOR REVENUE

# FS4 FINAL SETTLEMENT SYSTEM (FSS)

Dikjarazzjoni dwar l-Istatus tal-*Payee*

## SEZZJONI 1 — Timtela mill-impjegat u tingħata lil min iħaddem.

Imla t-taqsimiet A u F u taqsima waħda BISS minn B, C jew D

### A INFORMAZZJONI ĠENERALI

| | | |
|---|---|---|
| Nru. tal-karta tal-identità/tar-reġistrazzjoni tat-Taxxa | A1 | |
| Numru tal-karta tal-identità/tar-reġistrazzjoni tat-Taxxa tal-konjuġi (jekk miżżewweġ) | A2 | |
| Data taż-żwieġ (jekk japplika) | | |
| Kunjom | | |
| Isem | | |
| Indirizz — Isem/Nru. tad-Dar | | |
| Triq | | |
| Belt/Raħal | | |
| Kodiċi Postali | | |
| Data tat-Twelid | A3 | |
| Nru. tas-Sigurtà Soċjali | | |

### B DĦUL EWLIENI TA' EMOLUMENTI

(Ara n-noti fuq wara u mmarka kif japplika)

| | | |
|---|---|---|
| Rati ta' taxxa ta' persuna waħidha | B1 | |
| Rati ta' taxxa ta' miżżewġin | B2 | |
| Rati ta' taxxa ta' ġenitur | B3 | |
| Rata ta' taxxa ta' impjieg barra minn Malta (15%) | B4 | |
| Persuni li jirritornaw għall-impjieg jew id-dħul totali huwa inqas minn €10,535 (sena bażi 2023) | B5 | |
| Skemi ta' taxxa oħra | B6 | |
| Dħul Prinċipali minn attività sportiva kwalifikanti (7.5%) | B7 | |

### C IMPJIEG LI JIKKWALIFIKA BĦALA *PART-TIME*

(Immarka kif japplika)

| | | |
|---|---|---|
| Pensjonant/a | C1 | |
| Student/a, Apprendist/a *"full-time"* | C2 | |
| Impjegat/a *"full-time"* x'imkien ieħor | C3 | |
| Agħti n-numru tal-P.E ta' min iħaddmek *"full-time"* | | |
| Miżżewweġ/ġa,m'għandix *"full-time"* x'imkien ieħor, bil-konjuġi t/jaħdem *"full-time"* jew pensjonant/a | C4 | |

**Rata tat-Taxxa Xejn**

| | | |
|---|---|---|
| Immarka l-kaxxa C5 BISS jekk taħseb li d-dħul kollu tiegħek għas-sena ser ikun taħt il-limiti tat-taxxa. Nota: Tista' titlef id-dritt tiegħek li tibbenifika mir-rata mnaqqsa jekk timmarka din il-kaxxa ħażin | C5 | |

**Naqqas it-Taxxa**

| | | |
|---|---|---|
| Immarka l-kaxxa C6 BISS jekk għandek dħul minn sport kwalifikanti biex tinqata' taxxa b'rata ta' 7.5% | C6 | |
| Immarka l-kaxxa C7 biex tindika lil min iħaddmek biex jaqtagħlek it-taxxa bil-10% | C7 | |
| Data Effettiva | C8 | |

### D DĦUL MINN EMOLUMENTI OĦRA

(Agħżel kaxxa waħda biss)

| | | |
|---|---|---|
| Naqqas bir-rata preskritta (20%) | D1 | |
| Naqqas b'rata ogħla (Tista' tindika rata jew tħalli l-kaxxa vojta u min iħallsek jikkalkulha hu) | D2 | |
| Naqqas b'rata inqas — ☐ Jekk int pensjonant / student indika rata | D3 | |
| ☐ Jekk m'intix pensjonant jew student itlob il-permess tal-Kummissarju billi timmarka din il-kaxxa | D4 | |

### E TAXXA TA' 15% FUQ SAHRA

| | | |
|---|---|---|
| Jiena nagħżel li ma titnaqqasx it-taxxa bir-rata ta' 15% fuq is-sahra | E1 | |

### F DIKJARAZZJONI TAL-IMPJEGAT

Jiena, hawn taħt iffirmat, niddikjara li t-tagħrif mogħti f'din il-formola huwa veru u eżatt

Data

Firma ____________________

## SEZZJONI 2 — Timtela minn min iħaddem.

Imla t-taqsimiet A u F u taqsima waħda BISS minn B, C jew D

### A INFORMAZZJONI ĠENERALI

| | | |
|---|---|---|
| Nru. tal-P.E. | A4 | |
| Isem tan-Negozju | | |
| Indirizz tan-Negozju — Isem/Nru. tad-Dar | | |
| Triq | | |
| Belt/Raħal | | |
| Kodiċi Postali | | |
| Nru. tat-Telefon | | |

### B TNAQQIS TA' TAXXA BL-F.S.S FUQ DĦUL EWLIENI

| | | |
|---|---|---|
| Uża r-rati ta' persuna waħidha jekk l-impjegat immarka B1 | B8 | |
| Uża r-rati ta' miżżewġin jekk l-impjegat immarka B2 | B9 | |
| Uża r-rati ta' ġenitur jekk l-impjegat immarka B3 | B10 | |
| Naqqas 15% jekk l-impjegat immarka B4 | B11 | |
| Tnaqqasx taxxa jekk l-impjegat immarka B5 | B12 | |
| Naqqas 15% jekk l-impjegat immarka B6 | B13 | |
| Naqqas 7.5% jekk l-impjegat immarka B7 | B14 | |

### C TNAQQIS TA' TAXXA BL-FSS FUQ XOGĦOL *PART-TIME*

Data effettiva għall-applikazzjoni tar-rata fuq xogħol *Part-time*

C9

**Rata ta' Tnaqqis fuq xogħol *part-time***

***(daħħal ir-rata li tapplika)***

| | | |
|---|---|---|
| C10 | | **Rata ta' taxxa 0%** |
| C11 | | **Rata ta' taxxa 7.5%** |
| C12 | | **Rata ta' taxxa 10%** |

### D TNAQQIS TA' TAXXA BL-FSS FUQ EMOLUMENTI OĦRA

**Rata ta' Tnaqqis ta' Taxxa fuq "Emolumenti Oħra"**

D5 ____ %

(Daħħal ir-rata)

### E TNAQQIS TA' TAXXA FUQ SAHRA

| | | |
|---|---|---|
| Tnaqqasx taxxa fuq sahra jekk l-impjegat immarka E1 | E2 | |

### F DIKJARAZZJONI TAL-PAGATUR

Isem sħiħ u kariga ____________________

Firma ____________________

**Din il-kopja mimlija tal-FS4 trid tintbagħat lill-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi**

Għall-politika tal-Uffiċċju dwar il-Privatezza tad-Data żur cfr.gov.mt

www.cfr.gov.mt

## KIF TIMLA L-FS4

**Min għandu jimla l-FS4?**
Kull min hu payee (ie. *full-time*, *part-time* u impjegati oħrajn) għandu jimla FS4 separata għal kull impjieg. Il-pensjonanti huma eżenti milli jimlew din il-formola dwar il-pensjoni tagħhom, iżda xorta waħda jridu jimlew FS4 għal kull dħul li ġej minn impjieg.

**L-FS4 għandha timtela u tintbagħat:**

- fi żmien sebat ijiem minn meta tibda f'impjieg ġdid; jew
- kull meta jkun hemm tibdil importanti fid-dettalji mogħtija fl-aħħar FS4 li tkun intbagħtet.

**X'jiġri jekk ma nimlix FS4?**
Jekk ma timlix l-FS4 min iħallsek ikun obbligat li jnaqqaslek it-taxxa mill-emolumenti tiegħek bl-ogħla rata ta' taxxa.

**Kif timla din il-formola?**
Bħala payee inti responsabbli li timla Sezzjoni 1 (ie. in-naħa tax-xellug) tal-FS4. Trid timla Taqsima A u F tal-formola u Taqsima WAĦDA BISS minn B, C jew D. Imla taqsima E biss jekk tgħażel li ma tinqatax taxxa finali fuq sahra.

**X'tagħmel wara li timla Sezzjoni 1?**
Wara li tkun imlejt Sezzjoni 1 tal-FS4 inti trid tagħtiha lura lil min iħaddmek sabiex hu jimla Sezzjoni 2 tal-formola. Meta iż-żewġ sezzjonijiet ikunu mimlija min iħaddmek irid:

- jibgħat l-ewwel kopja tal-formola lill-Uffiċċju tal-Kummisssarju tat-Taxxi;
- iżomm it-tieni kopja għal skop ta' verifika; u
- jagħti t-tielet kopja lilek biex iżżommha mar-*records* l-oħra tiegħek tat-taxxa.

**Noti biex jgħinuk timla Sezzjoni 1.**
**TAQSIMA A - Informazzjoni Ġenerali**
Hawnhekk għandek iddaħħal l-informazzjoni personali tiegħek fil-post indikat. Huwa fl-interess tiegħek li din it-taqsima timtela sewwa bl-informazzjoni neċessarja.

**TAQSIMA B - Emolumenti minn impjieg prinċipali**
Għandek timla Taqsima B f'Sezzjoni 1 jekk din l-FS4 tirreferi għall-impjieg li jipprovdilek *id-dħul prinċipali minn emolumenti*.

**Immarka l-kaxxa li tgħodd għalik kif ġej:**
Immarka B1 jekk:
a) inti ġuvni/xebba, armel/armla, separat/a u ma tissodisfax il-kundizzjonijiet tal-komputazzjoni ġenitur jew ta' ġenitur wieħed; jew
b) inti miżżewweġ bil-konjuġi l-ieħor jaħdem u d-dħul tal-konjuġi tiegħek huwa tali li jaqblilkom li t-taxxa fuq l-*income* ta' kull wieħed minnkom tinħadem bir-rati ta' persuna waħidha sakemm ma tissodisfax il-kundizzjonijiet tal-komputazzjoni ta' ġenitur.

Immarka B2 jekk:
a) inti miżżewweġ u bil-konjuġi ma jaħdimx; jew
b) inti tikkwalifika bħala ġenitur wieħed u għalhekk japplikaw għalik ir-rati ta' miżżewġin; jew
c) inti miżżewweġ bil-konjuġi tiegħek jaħdem imma d-dħul tal-konjuġi huwa tali li jaqblilkom li t-taxxa fuq l-*income* tagħkom flimkien tinħadem bir-rati ta' miżżewġin.

Immarka B3 jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-komputazzjoni ta' ġenitur.

Immarka B4 jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' impjieg barra minn Malta u tixtieq li t-taxxa titnaqqaslek bir-rata ta' 15%.

Immarka B5 jekk tissodisfa r-regoli dwar kreditu ta' taxxa li jingħata lil persuni li jirritornaw għal impjieg u qed tagħżel li tieħu l-kreditu għas-sena li rritornajt għall-impjieg, jew inti persuna miżżewġa ta' aktar minn erbgħin sena u bdejt l-impjieg (mhux bħala direttur) wara li kont assenti minn okkupazzjoni remunerattiva għal mill-anqas ħames snin u fejn dan id-dħul ma jaqbiżx id-dħul minimu nazzjonali.

B5 tapplika wkoll għal min hu taxxabbli bir-rati ta' 'persuni waħidhom' fejn id-dħul ma jaqbiżx id-dħul minimu nazzjonali.

Immarka B6 jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet tar-regoli dwar Persuni li jkollhom Kwalifiki Għolja, jew dwar Impjiegi Kwalifikanti fl-Avjazzjoni, jew Impjieg Kwalifikanti f'attivitajiet Marittimi u l-attivitajiet tal-Industrija tas-servizzjar taż-żejt u l-gass *offshore*, jew Impjiegi Kwalifikanti fl-Innovazzjoni u l-Kreattività.

Immarka B7 jekk id-dħul prinċipali tiegħek ġej minn attività sportiva kwalifikanti u qed tagħżel ir-rata ta' taxxa ta' 7.5% minflok ir-rati standard.

**TAQSIMA C - Impjieg *Part-Time***
Għandek timla Taqsima C f'Sezzjoni 1, jekk din l-FS4 tirreferi għal impjieg li jikkwalifika taħt il-provedimenti speċjali li jikkonċernaw il-*part-time*.

Biex impjieg *part-time* jikkwalifika taħt dawn il-provedimenti jinħtieġ:
- li inti (jew il-konjuġi tiegħek) tkun pensjonant jew student/apprendist jew tkun impjegat *full-time* x'imkien ieħor;
- li l-impjieg *part-time* ma jkunx ma' l-istess pagatur li miegħu tkun taħdem *full-time* (jiġifieri ma tistax ikollok *full-time* ma' kumpanija u part-time ma' oħra meta dawn it-tnejn ikunu parti minn grupp ta' kumpaniji minħabba li kumpaniji li huma parti minn grupp jitqiesu li huma l-istess pagatur).

Jekk qiegħed timla Taqsima C għandek timmarka waħda biss mill-kaxxi C1, C2, C3 jew C4. Jekk timmarka l-kaxxa C3 (impjegat *full-time* xi mkien ieħor) għandek ukoll tagħti n-numru tal-P.E. ta' min jimpjegak *full-time*.

Rata ta' taxxa "Xejn". Għandek timmarka l-kaxxa C5 BISS JEKK:
- id-dħul totali tiegħek mill-għejjun kollha mistenni li jkun inqas mil-limitu taxxabbli;
- tixtieq li tirċievi l-emolumenti minn dan l-impjieg *part-time* mingħajr taxxa mnaqqsa (jiġifieri rata "Xejn").

Tajjeb tkun taf li jekk tieħu żball inti u timmarka din il-kaxxa, inti titlef id-dritt li tibbenefika mir-rata mnaqqsa ta' fuq xogħol *part-time*. Għandek tnizzel ukoll id-data minn meta r-rata ta' taxxa fuq impjieg *part-time* għandha tibda tkun applikata. Din id-data tista' tkun retrospettiva (jiġifieri inti tista' titlob lil min iħallsek biex inaqqaslek it-taxxa fuq xogħol *part-time* li jkun sar qabel u li fuqu ma tkunx tnaqqset taxxa). Hija responsabbilta' tiegħek li tara li t-taxxa tkun tnaqqsitlek kollha fil-ħin.

**TAQSIMA D - Emolumenti Oħra**
Għandek timla Taqsima D f'Sezzjoni 1 jekk din l-FS4 tirreferi għal emolumenti li la huma ġejjin mill-impjieg prinċipali tiegħek u lanqas jikkwalifikaw taħt il-provedimenti speċjali dwar il-*part-time*. Emolumenti oħra huma suġġetti għal tnaqqis ta' taxxa bir-rata ta' 20%.

**Kaxxa D1**
Jekk tixtieq li t-taxxa titnaqqaslek bir-rata preskritta ta' 20% għandek timmarka l-kaxxa D1.

**Kaxxa D2**
Jekk tixtieq li t-taxxa titnaqqaslek b'xi rata ogħla minn dik preskritta għandek timmarka l-kaxxa D2 u tindika r-rata.

**Kaxxa D3**
Jekk trid li t-tnaqqis isir b'rata inqas minn 20%, u inti pensjonant jew student, immarka l-kaxxa D3 u indika r-rata.

**Kaxxa D4**
Jekk trid r-rata ta' taxxa inqas minn 20%, imma m'intix pensjonant jew student, immarka l-kaxxa D4 biex titlob lill-Kummissarju jagħtik rata hu.

Tajjeb tkun taf li:
- kulħadd jista' jagħżel li jkollu t-taxxa minn Emolumenti Oħra mnaqqsa b'rata ogħla minn 20%.
- biex it-tnaqqis ta' taxxa minn Emolumenti Oħra jsir b'rata anqas minn 20% jeħtieġ li tkun pensjonant jew student jew tkun ksibt il-permess mill-Kummissarju tat-Taxxi.

**TAQSIMA E - Taxxa ta' 15% fuq sahra**
Immarka hawn jekk tagħżel li ma tħallasx taxxa ta' 15% fuq dħul li ġej minn sahra. Din l-għażla tapplika l-aktar għal persuni li jaqilgħu dħul inqas minn dak taxxabbli.